**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 18 – IL-ĦAMIS 4 TA' NOVEMBRU 2010 FIT-8.15 PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sindku s-Sur Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Vici Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Pagament numru 13 għandu jiġi kkonfermat mas-segretarju preċedenti. Il-Kunsillier Antoine Vella ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Il-kunsill gie infurmat li l-*insurance* tal-kunsill, mhux ser tilqa' t-talba għall-ħsara li saret mix-xita fil-kurutur komuni. Ġie deċiż li ninfurmaw l-aġenzija Sapport li tokkupa parti mill-bini biex jinqasmu l-ispejjeż.

3.2 L-*Accountant* għamel kuntatt mal-kunsill, lesta l-*accounts* sa l-aħħar ta' Lulju u skuża ruħu għad-dewmien.

3.3 Ġiet pprezentata ittra mingħand l-Avukat tas-Sur Charles Zahra, flimkien mal-ittra tar-risposta mingħand l-Avukat tal-kunsill.

3.4 Ġew mitluba *quotations* ġodda għall-pjanti tal-lantana li ser jitwaħħlu. Dan peress li żidna l-ammont, il-prezz minn 4.50 euro ġie 3.75 euro kull waħda.

3.5 Ġie deċiż li niktbu lit-Transport Malta rigward il-bżonn ta' *double yellow lines* faċċata tal-*garages* li hemm taħt il-*ground* iż-żgħir.

3.6 Ġie diskuss il-każ fejn kien hemm attività kummerċjali fil-periferija tal-iMtarfa. Is-Sindku qal li numru ta' residenti lmentawlu li kien hemm wisq storbju, u li attività bħal din m'għandiex ikollha l-barka tal-kunsill. Membri oħra qablu li attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu organizzati fl-iMtarfa. Fl-aħħar ġie deċiż li l-kunsill jagħti n-*No Objection* imma jagħmilha ċara li b'din il-kunsill ma joħrogx permessi, imma sempliċiment qed jiġi kkonsultat u li l-permessi jinħarġu mill-pulizija. In-*No Objection* tal-Kunsill għandha jkollha speċifikat il-ħin tal-attività, u din m'ghandiex taqbeż il-ħdax ta' bil-lejl.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie deċiż li jiġu analizzati l-minuti l-antiki tal-kunsill biex tiġi stabilita jekk hemmx xi evidenza ta' xi intervent fil-parkegg ta' Binja Qlieja. Ir-riżultat ta' din għandha tiġi diskussa fil-laqgħqa tal-kunsill li jmiss biex eventwalment tiġi kkommunikata lis-sidien ta' l-istess *garages*.

4.1.2 Kien hemm ilment mis-sidien tal-istess binja li nqatgħalhom is-servizz ta' dawl fil-partijiet komuni. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li ebda kont ta' din il-binja ma waslet għand il-kunsill u ma hemm ebda kont pendenti mal-ARMS Ltd.

4.2 Ġie deċiż li jinbidlu d-dati ta' xi attivitajiet tal-Milied. L-ikla tal-kunsill għandha ssir fl-10 ta' Diċembru u l-banda ssir fit-23 ta' Diċembru.

4.3 Ġie deċiż li l-kamra fejn jiltaqgħu il-kunsill taż-żgħazagħ se tiġi użata mill-iScouts kull nhar ta' Ġimgħa.

4.4 Is-Sindku informa lill-kunsill li s-*Signal Squadren* fir-Renju Unit offra li jieħu sehem fil-*Military Mtarfa* li se jiġi organizzati f'Mejju 2011. Infurmawna wkoll li hemm l-emblema tagħhom fl-iMtarfa tal-ġebel u tkun xi haġa sabiħa jekk din tiġi restawrata. Il-kunsill qabel ma' din.

4.5 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex tiġi stabilita jekk Triq Vincenzo Bonello hija triq lokali jew Triq arterjali.

4.6 Ġie deċiż li tinxtara bandiera bl-emblema tal-iScouts u tal-Kunsill tal-iMtarfa. Is-Sindku għandu jipprovdi aktar informazzjoni fil-lagħqa li jmiss.

4.7 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Enemalta biex fi Triq Vinċenzo Bonello jkun hemm dawl addattat minħabba li bħalissa hemm periklu.

## 5 Aġġornamenti u xogħlijiet

5.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm bżonn li jinxtraw ftit boroż tal-*asphalt*. Kien hemm qbil unanimu. Informa lill-kunsill li sar xogħol ta' spral ħdejn il-*Primary Health Care*, li qed ssir ix-xogħol fuq it-tizjin tal-Milied u li sar xogħol ta' *numbering* fuq l-arbli tad-dawl biex tkun iktar faċli li resident jagħmel ilment fuq dawl bil-ħsara. Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat ittra lil Enemalta biex il-parti komuni tal-binja l-ġdida li hemm ħdejn Dar il-Kaptan jaqbad mal-i*Street Lighting.*

5.2 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

It-*timer* tal-Ġnien tas-Sinjura għandu bżonn jinbidel. Staqsa fuq it-talba għal *traffic lights* kif ukoll aktar *street lighting* fl-iMtarfa bypass. Il-kunsill ġie infurmat li l-ittri intbagħtu imma għad mhemmx risposta. Ġie deċiż li jitqassmu l-kopji tad-DVDs tal-mawra ġewwa Arvisjuar lil dawk li ħadu sehem imma ma setgħux jiġu għall-ikla. Ġie deċiż ukoll li jsiru kopji tal-*Military Mtarfa* 2010 u jintbagħtu lil dawk li kienu involuti. Ġie deċiż li jsiru tliet *Christmas Party* tat-tfal skont l-età. Dawk ta' bejn 3 snin u 7 snin isir fid-27 ta' Diċembru, dawk ta bejn it-8 snin u 12-il sena jsir fit-29 ta Diċembru u dawk ta' bejn it-13 u it-18-il sena jiġi organizzat mill-kunsill taż-żgħażagħ, data mhux deċiża. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono informa lill-kunsill li tkellem ma' Dr Cuschieri tal-ELC biex is-*soft area* fl-iMtarfa bypass tiġi rranġata. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lit-Transport Malta biex *bus stop* fi Triq l-iMtarfa tiġi mċaqalqa. M'għandiex tiġi rakkomandata post alternattiv. Għandu jsir komunikazzjoni ma' Fr Ruben fuq *floodlight* maqtugħha. Għandu jsir *followup* fuq l-iskema tal-ESF li ġiet ikkommunikata mill-Kunsill tar-Rabat. Kien ġie mitlub iċ-ċwievet tal-uffiċċju tal-kunsill. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono kif ukoll il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech taw iċ-ċwievet li kellhom lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillieri Antoine Vella u Helen Maria Bugeja ma kellhomx aċċess għall-kunsill. Kollha iffirmaw dikjarazzjoni li issa ħadd minnhom m'għandu aċċess għall-uffiċini tal-kunsill lokali.

5.3 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ġabet għall-attenzjoni tal kunsill li:

Il-*flyer* biex titħabbar l-*areobics* ma kelliex tiġi iffirmata mill-kunsillier ieħor. Dan għaliex hi kienet giet mwaqqfa milli tagħmel hekk hi, xi żmien ilu. Ġie infurmat il-kunsill li l-ebda kunsillier ma jista' jiffirma għan-nom tal-kunsill ħlief jekk dan jiġi awtorizzat mill-istess kunsill. Saret diskussjoni fuq min se jikkoordina l-*parties* tat-tfal. Is-Sindku, li din taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, iddelegaha lill-Kunsillier Anatole Scerri Diacono, imma kullhadd jista' jagħti l-għajnuna tiegħu.

5.4 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm bżonn issir is-*centre line* kif ukoll *cats eyes* fi Triq Vinċenzo Bonello. Hemm bżonn ukoll li titnaddaf il-*culvert* fl-istess triq peress li hemm problema tal-ilma. Għandu jsir kuntatt mad-dipartiment li għandu jagħmel ix-xogħol. Hemm bżonn ukoll li ssir żbir tal-Oleander peress li dan ħareg fit-triq u qed jostakola l-vetturi.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir fl-20 ta' Diċembru fis-7.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |